MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru 99999/9999

Il- Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

-vs-

Francis Vella

Il- Qorti,

Rat l- akkuza kontra l- imsemmi Francis Vella, talli fid- 9 ta’ Marzu 2004 ghall- habta tas- 2.40p.m. waqt li kien isuq vettura Nru. KAA616 ta’ ghamla Kia matul Triq Dicembru Tlettax, il- Marsa, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat- traffiku, tajjar u kkaguna l- mewt ta’ George Cutajar, ta’ 58 sena mill- Marsa, li miet fid- 9 ta’ Marzu 2001 gewwa l- isptar San Luqa kawza tal- griehi li sofra fl- imsemmi ncident. Art. 225 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok hin u cirkostanzi saq l- imsemmija vettura b' manijiera perikoluza u negligenti, jew traskurata.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha

Rat il- process verbal.

Ikkonfermat il- hatra ta' l- esperti mahtura mill- Magistrat Inkwerenti li kollha xehedu quddiemha.

Rat il- lista tal- artikli maghmula mill- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in- nota ta' sottomissjonijiet tad- difiza.

Ikkunsidrat,
Fid- 9 ta' Marzu 2001 sehh incident tat- traffiku meta George Cutajar li kien qed jaqsam Triq Dicembru Tlettax, il- Marsa intlaqghat minn karozza bin- nurmru KAA 616 misjuqa mill- akkuzat. Il- hin kien it- tlieta neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar.

L- Avukat ghar- Reppublika qed jakkuza lill- akkuzat tahty l- artiklu 225 (omicidju involontarju). L- artikolu 20 jitkellem dwar hlas ta' spejjez maghmula f' perizji. L- artikoli imsemmija jaqghu that il- Kap 9, Kodici Kriminali.

L- akkuza ssemmi wkoll l- artikolu 15 (1) tal- Kap 65 "Kull min (a) issuq motor - car jew vettura ohra minghajr licenzja tas- sewqan jew motor – car jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja, jew issuqha b' nuqqas  ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikouz… (b) iggieghel, ihalli jew jippermetti li l- motor –car jew vettura ohra tieghu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il- licenzja mehtiega biex issuq motor – car jew vettura ohra. Ikun hati ta' reat u jehel,, meta jinsab hekk hati, il- piena ta' multa ta' mhux

izjed minn mitt lira jew ta’ prigunerija ta’ mhux izjed minn tlett xhur.

L- artikolu 1A isemmi numru ta’ identifikazzjoni ta’ vettura bil- mutur. L- art (2) jipprovdi ghal traskuragni kbira jew perikoluza fis- sewqan u sospensjoni tal- licenzja. (3) Fil- kaz ta’ kull reat iehor that is- subartikolu (4) il- Qorti fuq talba tal- prosekuzjoni, b’ zieda ghall- piena skond dak is- subartikolu, ghanda tiskwalifidka lill- hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas- sewqan ghal- smien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem. L- artikolu (4) jaghti s- setgha lill- Ministru biex jaghmel regolamenti.

Jirrizulta li George Cutajar gie milqut bil- parti frontali tal- vettura misjuqa mill- akkuzat, min naha tal- lemin taghha u baqa jitkaxkar fuq il- bonnet sa fuq il- windscreen u fuq il- parti frontali tas- saqaf. Il- vittma inxtehtet bid- daqqa, l’ quddiem ghal xi erba’ (4) metri minn fejn waqfet il- vettura u spicca taht il- kurdun tas- central strip. Fil- karozza ma nstabu l- ebda difetti meta giet mistharrga fuq il- post. Fil- hin ta’ l- incident l- art kienet xotta. Waqt l- access bidet niezla x- xita. L- akkuzat ma kienx ha xi sura ta’ alcohol.

L- akkuzat meta xehed fl- inkjesta, jghid li ghall- habta tas- 2.30p.m. telaq mill- post tax- xoghol ghax ried jghaddi l- karozza lil xi hadd il- Furjana. Warajh f’ karozza ohra kien hemm Emmanuel Azzopardi u hu kellu jiehu din il- karozza ohra kien hemm Emmanuel Azzopardi u hu hekk jiehu din il- karozza war li tieghu ihallia l- Florjana. Dwar l- incident u l- vittma jghid li lil Cutajar rah ‘in a split of a second ma wreni, ma rajtux jaqsamli t- triq. Jien lil dan l- individwu rajtu gej jigri ghal go fija. Jien kont qed insuq fuq l- outer lane il- Furjana u fuq il- lanes l- ohra ma kienx hemm traffiku.” Mhux cert jekk ghafastx il- brake imma ‘l- bagalja tieghi sibta ma’ l- art meta din kienet suppost fuq is- seat ta’ hdejja.’ “Naf illi dan l- individwu kien qed jigri fid- direzzjoni tieghi minn naha tax- xellug tieghi.’ Quddiem il- Qorti l- akkuzat xehed testwalment.

“Konna sejrin (l- akkuzat u Azzopardi) lejn il- Furjana, kont fuq il- lane ta’ barra jien, nezlin normali u l-

iehor (Azzopardi) kien qieghed warajja, imbghad f' daqqa wahda, kif ksirna hekk, gie ragel go fija, rasu baxxuta u baqa' diehel go fiha" (fol 113)

Emmanuel Azzopardi kien f' karozza ohra ezatt wara l- akkuzat, jistqarr li hu u l- akkuzat kienu jsuqu bi speed normali u traffiku iehor ma kienx hemm. Dwar il- vittma jghid li din harget minn naha tax- xellug tieghu, meta tintlaqat u tinstabat mal- karozza. Hu waqqaf.

U

"Nghid illi il midrub jiena l- ewwel li lmahtu kien fil- lane tan- nofs f' dik il- parti tat- triq li konna ghaddejjin minnha. Jiena lil midrub rajtu b' rasu mghaddsa u jaqsam it- triq."

Ezatt wara l- habta P.S. 768 kellem lil akkuzat u kkonstata li:

"Kien hemm roqgha demm li nstabet quddiem il- vettura misjuqa minn Francis Vella, liema roqgha demm kienet 5.5 metri quddiem il- vettura KAA – 616 u kien hemm wara l- imsemmija vettura, u cioe', madwar 5.7 metri 'l boghod kien hemm breakmark ta' 1.2 metri.'

Il- vittma kien that kura psikjatrika ghal zmien twil u darba kien ha 'overdose' ta' kalmanti.

Is- sewwieq kien ghaddej minn triq wiesgha, kellu vizwali fit- tul, traffiku hlief ghall- karozza ta' siehbu ma kienx hemm. It- temp kien sabieh. Ma kienx qed isuq b' xi speed. F' dawn ic- cirkostanzi l- Qorti ma tifhimx l- ghala "lil midrub rajtu" in a split of a second ma wicci. Ma rajtux jaqsam it- triq." (fol 57) Il- vittma ghaddiet minn zewg lanes u giet fit- tielet (qrib ic- central strip). Id- demm juri li l- vittma giet imtajjra. Is- sewwieq li kieku kien qed izomm 'a proper look out' kien jara l- vittma. Minn naha l- ohra l- vittma ghamlet kalkoli zbaljati meta dehrila li tista' taqsam.

Sewwieq huwa mehlus mill- htija meta f' daqqa isib ruhu f' emergenza u ma jkun jista' jghamel xejn. Dan il-

kaz ma kienx hekk. Kien hemm minn naha tas- sewweq nuqqas ta' prudenza normali. Hemm ksur tal- ligi. Izda hemm htija kontributorja minn naha tal- vittma li taqbad u taqsam min naha tat- triq ghall- ohra. Meta gara l- incident fl- 2001 il vittma kellha 58 sena; Imhabba din il- kontributarjeta' l- Qorti mhix taqbel mal- konkluzjonijiet peritali u mal- Magistrat Inkwerenti.

Il- Qorti jidhrilha li t- triq jaqsmuha mhux biss zaghzagh hfief izda wkoll nies li jghoddu s- snin, nies li ghandhom diffikulta' fil- mixi. Sewwieq ghandu jzomm dan f' rasu meta jaqbad isuq. Mhux kull min juza t- triq bil- mixi ser ikun prudenti u preciz f' li jghamel. Min hu prudenti jaf x 'tistax' tghamel karozza u ghandu joqghod attent. Il- Qaghda madwaru tista' tinbidel u jrid ikun lest jekk jigri xi haga, dejjem fil- limiti ta' dak li huwa ragjonevoli.

Il- kontributorjeta' ta' George Cutajar trid tigi riflessa fil- piena. L- akkuzat qed jigi misjub hati li ma zammx 'a proper look out' u ta' sewqan negligenti ghax ma zammx il- prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s- sinistri stradali. Ma hemmx sewqan bla kont jew sewqan perikoluz. Hemm ksur tar- regolamenti tat- traffiku.

Rat l- artikolu 225, 30 (l)(b) u 17 tal- Kapitolu 9 u l- artikoli 15(l) tal- Kapitolu 15.

Tikkundanna l- hati hames mitt lira maltija (Lm 500) multa. Rat it- talba tal- prosekuzzjoni a tenur ta' l- artikou 15(3) tilqaghha u tiskwalifika lill- hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas- sewqan ghal zmien tmint ijiem minn ghada.

Rat it- talba tal- prosekuzjoni a tenur ta' l- art. 553 tal- Kap 9 li illum hi izjed gravuza minn mindu gie kommess ir- reat u ghalhekk tichadha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------